

Brussell, 14 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13513/22

FIN 1064
INST 370
PE-L 36

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13320/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 21/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fis-7 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 21/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi riallokati l-ammont totali ta' EUR 10.7 miljun ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati mill-entrati 20 02 06 01 (*Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentanzi*), 20 02 06 02 (*Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenza*) u 20 02 06 03 (*Laqgħat tal-Kumitati*) għall-entrati 20 01 02 01 (*Remunerazzjoni u allowances - Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' rappreżentanza*), 20 03 12 01 (*Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni*) u 20 03 13 01 (*Nefqa għat-traduzzjoni*), kif jinsab fid-dokument 13320/22.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex:
 - ikopri parti mill-aġġornament mistenni tas-salarji għall-2022 (EUR 4.3 miljun), minbarra l-ammont mitlub fl-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5/2022 (EUR 11.7-il miljun)¹;
 - jiġu rinnovati l-ispazji għal-laqgħat tal-Kummissjoni (EUR 4.4 miljun);
 - ikopri n-nefqa sa tmiem is-sena għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni (EUR 2 miljun).
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 13320/22; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

¹ Dokument 13056/22.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 21/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).